MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2006

Numru 744/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROLAND CASSAR**

**VS**

**CHARLES SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charles Schembri, ta' 36 sena, bin Anthony u Rita nee' Ciantar, imwieled gewwa Birkirkara nhar is-17 ta' Lulju, 1970, u residenti fil-fond numru 52, Sacred Heart Street, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 434270 (M);

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Lulju, 2006 ghall-habta ta' 02.30 ta' fil-ghodu, gewwa Triq is-Serkin, Marsa

volontarjament ikkaguna ofifizi ta' natura gravi fuq Brian Attard, detentur tal-karta tal-identita' 171470 (M) li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, skond kif iccertifikat Dr Agnes Cachia MD – Reg 2863, tal-Isptar San Luqa.

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-paci pubbika u l-bon ordni b'ghajjat u glied.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;
Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;
Wara li rat il-verbal tal-lum.

Illi wara li rat l-Artikoli 214, 216, 218, u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Charles Schembri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sena (1), sospiza ghal sentejn (2), *ai termini* tal-Artikoli 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* tordna il-hrug ta' garanzija favur il-*parti civili*, u cioe' Brian Attard detemtur tal-karta tal-identita' bin-numru 171470(M), *ai termini* tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' sena (1), taht penali ta' hamsin lira maltin (Lm50.00).

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------